*Art 37 Kodici Civili*

*Smigh Xieraq*

*Audi Alteram Partem*

*Art. 836(5) tal-Kap 12*

*Digriet ta' Cahda ta' Revoka Mandat*

*Kontestazzjoni*

*Dritt Prima Facie*

*Art 831 tal-Kap 12*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## -Sezzjoni Familja -

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 21/2017/LSO**

**Joseph Mifsud**

**vs**

**Maria Elena Mifsud**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf ta' Joseph Mifsud [detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 503455(M)] datat 2 ta' Frar 2017 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. Illi bejn il-kontendenti odjerni jinsabu pendenti proceduri ghal firda personali fl-ismijiet "Maria Helena Mifsud vs. Joseph Mifsud", liema proceduri gew istitwiti permezz tar-rikors mahluf bin-numru mija u ghaxra tas-sena elfejn u tnax (110/2012).

2. Illi fil-mori ta' din il-kawza, l-attur ressaq rikors fis-sbatax (17) t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru sitta u tmenin tas-sena elfejn u hmistax (86/2015) u dan a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, liema rikors igorr in-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016).

3. Illi l-konvenuta ressqet rikors fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-atti tar-rikors bin-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016) li permezz tieghu talbet fl-ewwel lok l-izgumbrament ta' l-esponenti mid-dar matrimonjali, u cioe' l-fond bin-numru mija erbgha u sebghin (174), Main Street,

Birkirkara u ordni sabiex l-esponenti jaghti lill-istess konvenuta l-pussess vakanti ta' dak il-fond, u fit-tieni lok talbet ukoll illi tigi awtorizzata sabiex tghix wehidha fl-istess fond.

4. Illi b'digriet moghti fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), u minn hawn 'l quddiem imsejjah "l-Ewwel Digriet", l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), wara li rat it-twegiba ta' l-esponenti, u wara li kkunsidrat illi l-esponenti ma kellux dritt idahhal jabitaw fid-dar matrimonjali terzi persuni minghajr il-kunsens u l-permess ta' martu l-konvenuta, laqghet it-talbiet tal-konvenuti u prefiggiet terminu ta' xahar sabiex l-esponenti jizgombra mid-dar matrimonjali filwaqt li ordnat li *pendente lite* l-konvenuta ghandha tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-esponenti u ta' terzi.

5. Illi l-Ewwel Digriet suriferit huwa null u ghandu jigi revokat u mhassar, u dan billi l-istess Digriet inghata fl-atti ta' rikors li kien ressaq l-esponenti a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghar-revoka ta' att kawtelatorju imressaq fil-konfront tieghu mill-konvenuta, liema rikors igorr in-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016).

6. Illi wkoll, l-Ewwel Digriet huwa null u ghandu jigi revokat u mhassar ghaliex ma gietx segwita l-procedura preskritta fl-Artikolu 37 tal-Kodici Civili, u billi wkoll l-esponenti gie mcahhad mill-opportunita' li jixhed u li jressaq provi in sostenn tad-difiza tieghu, u gie wkoll

imcahhad mill-opportunita' li jaghmel kontro-ezami tax-xiehda bl-affidavit imressqa mill-konvenuta mar-rikors taghha tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016), u ghalhekk ukoll l-Ewwel Digriet inghata bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u bi ksur tad-dritt ta' l-esponenti ghal smigh xieraq.

7. Illi in oltre, l-istess l-Ewwel Digriet qieghed ukoll jigi kontestat dwar il-meritu tieghu, billi r-rikors tal-konvenuta tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) kellu jigu michud ghar-ragunijiet spjegati mill-attur fir-risposta tieghu ghall-istess rikors.

8. Illi sussegwentement, permezz ta' digriet iehor moghti fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u minn hawn 'l quddiem imsejjah "it-Tieni Digriet", l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) cahdet it-talba ta' l-attur ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru sitta u tmenin tas-sena elfejn u hmistax (86/2015).

9. Illi t-Tieni Digriet ukoll qieghed jigi kontestat bil-prezenti istanza, billi r-ragunijiet moghtija mill-attur fir-rikors tieghu tas-sbatax (17) t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) kienu tajbin u kellhom jigu akkolti, kif jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.

10. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

11. Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar, tirrevoka u tannulla l-Ewwel Digriet;

2. Tichad it-talbiet dedotti mill-konvenuta fir-rikors taghha tas-seba' (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tar-rikors bin-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016);

3. Thassar, tirrevoka u tannulla t-Tieni Digriet;

4. Tilqa' t-talbiet kollha dedotti mill-attur fir-rikors tieghu bin-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016) u mressaq fis-sbatax (17) t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016),

u dan previa kull provvediment iehor opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat in-nota ta' l-Imhallef kif diversament presjeduta li biha astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors guramentat.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta mill-Qorti kif diversament presjeduta ghat-23 ta' Marzu 2017.

Rat ir-risposta guramentata tal-Intimata Maria Elena Mifsud datata 17 ta’ Lulju 2017 (fol 10) fejn bil-gurament taghha twiegeb is-segwenti bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:

**Stqarrija tal-Eccezzjonijet**

1. Illi l-intimata tirrileva illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-digriet datat 9 ta' Jannar 2017 li nghata minn dina l-Onorabbli Qorti wara rikors li kien sar mill-intimata fis-7 ta' Dicembru 2016 ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mid-dar konjugali, dan l-istess digriet huwa wiehed validu u ma' hemm l-ebda bazi ghall-annullament, thassir jew revoka tieghu;

2. Illi huwa minnu illi fuq dan ir-rikors, u wara l-kliem *"rikors guramentat numru",* gie mnizzel in-numru 234/16 (li kien jirreferi ghall-atti in konnessjoni ma' rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru li kien sar mir-rikorrenti kontra l-intimata) u dana minflok ma' gie mnnizzel n-numru 110/12/RM ossia n-numru tal-proceduri ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet;

3. Illi dan l-istess fatt gie ssollevat fir-risposta tar-rikorrenti ghal dan ir-rikors bhala wiehed mir-ragunijet ghalfejn l-istess rikors ma kellux jiltlaqa', u minkejja dan il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tilqa' it-talba tal-intimata;

4. Illi mandakollu fid-9 ta' Jannar 2017 l-intimata intavolat nota f' dawk l-atti fejn gie ssolevat dan l-fatt u l-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-istess nota ordnat il-korrezzjoni relattiva u l-atti ta' dan ir-rikors gew mdahhla fil-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet bin-numru 110/12/RM;

5. Illi bir-rispett kollu minkejja dak kollu suespost, ir-rikorrenti qatt ma gie ppregudikat fid-drittijiet tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-proceduri li waslu ghal dan id-digriet;

6. Illi fil-fatt fid-digriet msemmi dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi r-rikorrenti ma kellux id-dritt illi *"idahhal jabitaw fid-dar matrimonjali terzi persuni minghajr il-permess u kunsens tal-attrici"* haga li hija ammessa fir-risposta tar-rikorrenti ghar-rikors datat 7 ta' Dicembru 2016;

7. Illi ghalhekk dana d-digriet huwa ggustifikat anke fil-mertu tieghu;

8. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-digriet datat 13 ta' Jannar 2017 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-attur ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 86/205 huwa wiehed validu u ma' hemm l-ebda bazi ghall-annullament, thassir jew revoka tieghu hekk kif qed jigi mitlub;

9. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu kollha michuda;

Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ April 2017 (fol 12) mizuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghall-attur. Inghata provvediment; u l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat illi l-inkartament jintbaghat lir-Registratur tal-Qrati sabiex jigi riassenjat.

Rat l-astensjoni tal-Imhallef precedenti; rat is-surroga moghtija mill-Prim Imhallef; u din il-Qorti kif hekk presjeduta appuntat din il-kawza ghas-smigh ghat-30 ta’ Mejju 2017 fil-11:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Simiana u Dr Adrian Camilleri. Dr Simiana irtira kopja tar-risposta guramentata *seduta stante*. Id-difensuri prezenti taw ruhhom b'notifkati bl-avviz tas-smigh. Dr Simiana talab l-allegazzjoni tal-atti tar-rikors 234/2016/RGM fl-ismijiet y Maria Elena Mifsud vs Joseph Mifsud - Degretati mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Dr Camilleri rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti mitluba. Il-kawza geti differita ghall-allegazzjoni tal-atti ghas-27 ta’ Gunju 2017 fid-9:30a.m. u sabiex il-kawza tkompli tigi stradata.

Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha inkluz dak tal-Hamis, 31 ta’ Mejju 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Adrian Camilleri ghal Mariella Mifsud prezenti fl-Awla.

Deher Dr Mark Simiana ghal Joseph Mifsud. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jittenta jirrevoka zewg digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), l-ewwel digriet datat 9 ta’ Jannar 2016 fl-atti tal-Mandat 234/2016, u t-tieni digriet datat 13 ta’ Jannar 2017, fejn, f'dan it-tieni digriet, il-Qorti kienet cahdet it-talba tal-attur ghar-revoka tal-Mandat ta’ sekwestru 86/2015 mahrug mill-intimata sekwestranti.

### L-Ewwel Digriet:

Illi huwa minnu li fir-rikors taghha pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2016 ghall-izgumbrament *pendente* lite ta' zewgha, l-intimata odjerna intestat ir-rikors fl-atti "*tar-Rikors Guramentat 234/16 RM*" li mhuwiex in-numru tal-kawza, imma n-numru assenjat lir-rikors ta' zewgha ghar-revoka tal-mandat.  Dan hu ammess fl-istess risposta tal-intimata f’dawn il-proceduri.

Jirrizulta li dan l-istess punt gie diga sollevat fir-risposta ta' zewgha ghar-rikors taghha ghall-izgumbrament u minkejja dan, xorta wahda l-Qorti ghaddiet biex tilqa' t-talba taghha u ordnat l-izgumbrament mid-dar matrimonjali *pendente lite* ta' Joseph Mifsud.

Illi jirrizulta ghalhekk li dak ir-rikors kien intestat fl-atti mhux tal-kawza ta' separazzjoni kif suppost kellu jsir, izda fl-atti tar-rikors revoka. Il-punt sollevat mill-avukat difensur tar-rikorrent f'dan il-kaz, hu, li billi d-digriet inghata fl-atti tar-rikors ghar-revoka tal-mandat u mhux fl-atti tal-kawza, ghaldaqstant huwa null.

Izda, sussegwentement ghall-hrug tad-digriet, kienet saret korrezzjoni b'digriet korrettorju moghti mill-Qorti tal-Familja fit-13 ta' Jannar 2017 u l-atti gew inseriti fl-atti tal-kaz ta' separazzjoni. Permezz ta' din il-korrezzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li l-izball fl-intestatura tan-numru tal-kawza gie sanat.

Il-Qorti waslet ghal din il-konsiderazzjoni wara li qieset li r-rikorrent odjern ma sofriex pregudizzju mill-izball imsemmi fin-numru tar-rikors billi l-okkju kien korrett u fil-premessi kien hemm referenza ghall-proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn il-partijiet. Ir-rikorrent odjern kien jaf li r-rikors kien jittratta talba ghall-izgumbrament ta' wiehed jew wahda mill-mizzewgin *pendente lite*. Konsegwentement din il-Qorti ma tikkonsidrax li l-izball kien jolqot direttament is-sustanza jew il-mertu tal-kaz milqut bid-digriet li qed jigi

impunjat b'dawn il-proceduri u m'ghandux jitqies li jrendi d-digriet null.

**Principju ta' Gustizzja Naturali u dritt ghas-Smigh xieraq**

Illi r-rikorrent qed jilmenta inoltre li t-talba ghall-izgumbrament *pendente lite* kellha ssir abbazi tal-**artikolu 37 tal-Kodici Civili**, skont liema, l-Qorti hija marbuta li tappunta seduta ghas-smigh tal-partijiet.

Dan l-artikolu jiddisponi:

*1. "Il-kawzi kollha ghal separazzjoni personali ghandhom jingiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-Qorti Civili kif jigi stabbilit b'regolamenti maghmulin mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja:*

*Izda qabel jinbdew il-procedimenti, tista' ssir talba sabiex jigi stabbilit l-ammont tas-somma ghall-manteniment filwaqt li l-procedimenti jkunu pendenti u ghall-ghoti ta' digriet li jordna l-hlas ta' dik is-somma jew talba lill-qorti biex b'digriet tistabbilixxi liema wahda mill-partijiet fiz-zwieg, jekk ikun il-kaz, ghandha matul il-procedimenti tibqa' tghix fid-dar matrimonajali.*

*2. Ir-rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso ghas-subartikolu (1) ghandha tkun debitament appuntata ghas-smigh mill-qorti u ghandha tigi notifikata lill-konvenut*

*flimkien mal-avviz ta' dik is-seduta."* (sottolinear ta' din il-Qorti)."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll l-**artikolu 46 tal-Kodici Civili** li jghid hekk:

*"Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda, kull wahda mill-partijiet, sew jekk attrici jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taz-zwieg u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taz-zwieg u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeciedi liema wahda mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza."*

Jigi ritenut li l-**artikolu 37** japplika ghall-istadju ta' *"pre-trial"* fejn il-proceduri ghall-firda ghadhom ma gewx istitwiti b'rikors guramentat, filwaqt li l-**artikolu 46** japplika *pendente lite*, fejn il-legislatur ma imponiex bhala kondizzjoni *ad validitatem* il-htiega ta' smigh orali. Ir-raguni hija evidenti billi fl-ewwel kaz, fejn allura l-proceduri ghas-separazzjoni ghadhom fl-istadju ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, il-Qorti mhix edotta mill-fatti tal-kaz. Fejn il-kawza tkun gja giet istitwita, l-Qorti gja ghandha quddiemha rikors guramentat u dikjarazzjoni ta' fatti aparti xhieda ohra li setghu gew prodotti u hija edotta mill-fatti tal-kaz. F'tali stadju, ghalkemm f'kaz ta' zgumbrament huwa iktar opportun li l-Qorti tisma' lill-partijiet oralment, dan jibqa' dejjem diskrezzjonali ghall-Qorti.

Minn ezami tar-rikors u tar-risposta tal-intimat Joseph Mifsud, jirrizulta li kien hemm ammissjoni da parti tar-ragel

li halla lill-terzi jidhlu jghixu fid-dar konjugali, liema fatt ammess huwa l-pern tad-decizjoni mehuda minn dik il-Qorti.

Ir-rikorrent *tramite* l-avukat difensur tieghu, fit-trattazzjoni ilmenta wkoll mill-fatt li ma kellux l-opportunita` li jaghmel mistoqsijiet in kontro-ezami lix-xhud fuq affidavit taghha esebit mar-rikors tal-mara, u dan billi l-Qorti tal-Familja ghaddiet ghad-digriet taghha minghajr smigh. B’hekk qed jigi sottomess li kien hemm ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* u tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq.

Madankollu, jigi osservat, li Joseph Mifsud kien ipprezenta risposta dettaljata ghar-rikors promotur fejn ammetta li jqatta' xi hin f'post iehor u li ilu minn xi zmien jospita lil ohtu u lil zewgha fid-dar matrimonjali. Din ir-risposta kienet giet ikkunsidrata fid-digriet li nghata, fejn il-Qorti sabet li "*l-konvenut ma kellux dritt idahhal jabitaw fid-dar matrimonjali terzi persuni minghajr il-permess u kunsens tal-attrici."*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-affidavit ipprezentat, dan lanqas biss jissemma fil-konsiderazzjoni tal-Qorti moghtija fid-digriet imsemmi taghha tad-9 ta' Jannar 2017 Dan l-affidavit sar minn bint il-kontendenti fejn, fis-sustanza, indirizzat il-punti li hu semma fir-risposta tieghu u sahansitra ammetta l-iktar fatti saljenti.

Illi anke fejn hemm allegazzjoni ta' ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq, il-Qorti ghandha twiezen l-impatt fuq dak lanjat fuq il-proceduri fl-intier taghhom. F'dan il-kaz id-

digriet stess huwa mibni fuq l-ammissjoni tar-rikorrent odjern li dahhal lill-terzi jabitaw fid-dar taz-zwieg minghajr il-kunsens ta' martu. Fid-dawl tal-premess, l-ilment tar-rikorrent odjern pjuttost jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti, li jista' ma jaqbilx maghhom, milli xi nuqqas procedurali.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi ma taqbilx mar-rikorrent li kien hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali tal-*audi alteram partem,* jew tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq. Jigi ritenut, anzi li minkejja dak sostnut, u minkejja li ma sarx kontro-ezami tal-affidavit ipprezentat mar-rikors, fejn kien intalab l-izgumbrament, ma jirrizultax li r-rikorrent gie ppregudikat fid-difiza tieghu.

In konkluzjoni ma jirrizulta l-ebda pregudizzju u ksur ta’ drittijiet tar-rikorrent, kif lanqas ma jirrizulta li d-digriet li inghata kien irritwali, u kwindi l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent ser jigu respinti.

Ghaldaqstant, referibbilment ghall-ewwel digriet tad-9 ta' Jannar 2017 tilqa’ l-ewwel seba’ eccezzjonijiet fir-risposta tal-intimata u tichad l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent ghar-revoka tal-imsemmi digriet.

**<u>It-Tieni Digriet:</u>**

Jirrizulta li permezz ta’ digriet datat 13 ta’ Jannar 2017, il-Qorti, diversament presjeduta, kienet cahdet it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru 86/2015.

Jirrizulta li l-pretensjoni ta' Maria Elena Mifsud kienet ghal nofs is-somma tal-irtirar li r-rikorrent sekwestrat kellu jippercepixxi minhabba l-impieg tieghu bhala haddiem tax-Xatt. Din il-pretensjoni taghha hija bbazata fuq id-dritt taghha dedotta li tirreklama nofs l-ammont peress bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-konjugi Mifsud.

Qabel xejn jigi osservat li t-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' sekwestru 86/2015, pprezentata quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) saret a tenur tal-**artikolu 836 tal-Kap 12**, minghajr ma gie indikat l-ebda subinciz taht dan l-artikolu.

Dwar dan, il-Qorti tqis li mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[1].

Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet

[1] Ara ad ezempju **Joseph Camilleri et v Anthony Gove' et -** PA - RCP **-10 ta' Mejju 2001**

tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel gustizzja milli jintilef f'formaliżmu żejjed.

Illi ma jidhirx li dan il-punt gie sollevat quddiem l-ewwel Qorti meta ghaddiet ghad-digriet taghha u lanqas giet sollevata mill-intimata f'dawn il-proceduri. Madanakollu din il-Qorti wkoll ghandha thares il-principji hawn fuq enuncjati billi ghandha quddiemha kawza ta' kontestazzjoni ghad-Digriet fejn it-talba ghar-revoka tal-mandat giet michuda.

Dwar il-procedura odjerna mahsuba ghall-kontestazzjoni tad-digriet, l-avukat difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni rrefera ghas-sentenzi decizi fil-gurisprudenza nostrana, senjatament, fl-ismijiet **Darryl Francis Grima pro et noe vs Onor. Prim Ministru et noe**, Qorti Kostituzzjonali - 21 ta' Gunju 1988; u **Paul Tanti pro et noe vs Sammy Mifsud pro et noe**, Appell Superjuri – 19 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Darryl Francis Grima et noe v Onor. Prim Ministru et. noe** fuq citat irribadiet illi dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setghux jitqiesu definittivi "*ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba*

*b'citazzjoni ta' l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta' appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta' vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skont il-ligi."* **(Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24).**

Illi jigi senjalat li l-legislatur ried, permezz tal-artikolu 836 tal-Kap 12, jaccerta ruhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh, u ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz **836 (5)** hu dispost illi "*ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ……..".*

Dan is-subinciz ifisser illi lanqas kien permess ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha *contrario imperio* sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' l-inciz 836.

Issa fil-kaz odjern, kien hemm cahda tat-talba ghar-revoka, fejn *a contrario sensu* d-dicitura ta' dan is-subinciz jissuggerixxi li setghu jsiru "*appell u kontestazzjoni"* minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u li

allura ikun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. (*Vide* - **Tanti v Mifsud et** fuq citat).[2]

Illi fil-kawza odjerna, r-rikorrent jishaq li t-talba tal-intimata sekwestranti ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kienet monka billi ma ntweriex li kellha jedd *prima facie* abbazi ta' liema setghet tiddeduci t-talba taghha. Difatti l-kawzali dedott fir-rikors b'gustifikazzjoni ghall-hrug tal-mandat fuq *sorte* ta' €32,028.93 huwa s-segwenti:

"*rapprezentanti nofs mill-ammont dovut lis-sekwestrat Joseph Mifsud minn Transport Malta meta huwa jirtira mill-impieg tieghu bhala port worker, u liema somma jew somma verjuri jista' jittiehed mis-sewestrat qabel iz-zmien, u liema ammont huwa effettivament dovut lis-sekwestranti bhala parti minn sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, dana kollu kif gie dedott f'kawza ta' separazzjoni bl-istess ismijiet bin-numru 110/12 RGM.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jirrizulta mill-atti li l-komunjoni tal-akkwisti kien gie xjolt b'kuntratt notarili datat 4 ta' Marzu 1991, liema kuntratt jinsab esebit fl-atti tar-rikors revoka bhala **Dok JM2** fl-atti ta' dak il-kaz. Huwa manifest ghalhekk li l-komunjoni tal-akkwisti ma kenitx ezistenti bejn il-konjugi Mifsud kontrarjament ghal dak premess minnha fil-mandat.

[2] Ara wkoll **Josef Gatt *v.* Marisa Gatt**, App. 8 ta' Mejju 2003, u **Alexander Grech *et v. Mamma Mia Restaurant et***, App. 15 ta' Frar 2005.

Fir-risposta taghha ghar-rikors revoka, Maria Elena Mifsud kienet eccepiet li l-komunjoni tal-akkwisti ma kinitx giet likwidata b'hekk qed izzomm ferm il-pretensjoni taghha. Izda dan l-argument ma jregix billi d-dicitura tal-kawzali dedott fil-mandat huwa car u ma jippermettix tifsira ohra. Li kieku l-attrici kienet qed tivvanta xi kreditu iehor kontra l-flejjes spettanti lil zewgha, missha qalitha car u tond.

**Digriet tat-13 ta' Jannar 2017**

Illi l-Qorti cahdet it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat wara li :

- Ikkonsidrat li s-sekwestranti qed tippretendi sehem minn dhul futur tas-sekwestrat minghand Transport Malta;

- Ikkonsidrat li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jekk tali pretensjoni (tas-sekwestranti) hiex fondata tenut kont it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

- li s-sekwestranti tippretendi li ghandha dritt ghall-parti mis-somma li s-sekwestrat ghandu jircievi fil-futur minghand Transport Malta;

U cahdet it-talba ghar-revoka tal-mandat billi kkonsidrat li tali pretensjoni ser tigi deciza fis-sentenza finali u li ma jirrizultawx l-estremi li jiggustifikaw ir-revoka tas-sekwestru kawtelatorju.

Jigi ribadit il-principju li jorbot il-hrug tal-mandat kawtelatorju kif enunzjat fid-digriet fl-ismijiet **Integrated Business Systems Limited vs Microsoft Ireland Operations Limited** moghti fl-4 ta' Settembru 2017 (PAMCH) fejn intqal hekk:

*"Skont il-Kodici tal-Procedura taghna, persuna tista', minghajr mhu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-mandati kawtelatorji, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid il-Kodici, jigu mahruga u ezegwiti taht ir-responsabbiltà taghha (**artikolu 830 tal-Kap. 12**). L-unici verifiki li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju ta' qabel il-hrug ta' mandat kawtelatorju, huwa li jigi zgurat ir-rikorrent jindika b'mod kemm jista' jkun car l-origini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-hlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li ghalih tammonta t-talba u li r-rikorrent jikkonferma t-talba tieghu bil-gurament **(artikolu 831 tal-Kap. 12)**. Tenut kont li verifiki aktar fil-fond minn hekk jistghu jiehdu z-zmien taghhom u fil-frattemp l-iskop kollu ta' mandat kawtelatorju jista' facilment jigi imxejjen, bhala mezz ta' verifika ulterjuri wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, il-ligi taghna tipprovdi l-procedura kkontemplata fl-**artikolu 836 tal-Kap. 12** sabiex jigi zgurat illi mandat kawtelatorju jkun inhareg skont il-ligi u ghar-ragunijiet li trid il-ligi u fin-nuqqas, il-mandat kawtelatorju jista' jigi revokat mill-Qorti, sew ghal kollox jew f'parti minnu. Illi ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836*

*tal-Kap. 12 iridu jigu interpretati f'dan l-ambitu. Ghad illi l-ezami li jrid isir a tenur tal-artikolu 836 tal-Kodici tal-procedura huwa aktar fil-fond mill-ezami pjuttost formali u superficjali li jsir qabel il-hrug tal-Mandat, tenut kont anki ta' dak li jinghad specifikatament fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 subinciz (d), l-ezami li jrid isir hawnhekk, xorta wahda jibqa' llimitat ghal-livell ta' prima facie. Illi fir-rigward ta' proceduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza ghaliex din il-procedura hi mahsuba li tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss fuq bazi prima facie."*

Ikkonsidrat li l-kawzali imsemmija fil-mandat kawtelatorju ghandhom ikunu marbuta ma' jedd imsemmi fil-mandat stess. Skont l-artikolu 831 tal-Kap 12 fuq imsemmi, it-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju għandu jinkludi *inter alia* l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur. Tali dikjarazzjoni hija kkonfermata bil-gurament mill-persuna li qed titlob il-hrug tal-mandat.

Fil-kaz odjern il-jedd imsemmi mis-sekwestanti jikkonsisti f'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti <u>esistenti bejn il-partijiet.</u> Kif gja osservat, dawn il-kliem ma jippermettux tifsira ohra billi huma cari u inekwivoci.

Illi l-ewwel Qorti rriteniet li l-pretensjoni tar-rikorrenti ghall-sehem mid-dhul ta' zewgha ghandu jigi kkonsidrat fil-mertu tal-kawza pendenti. Huwa minnu li l-indagni tal-Qorti fit-tema ta' mandati kawtelatorji m'ghandhiex tkun wahda

approfondita, altrimenti l-iskop stess tal-mandat jigi stultifikat. Madanakollu dan ma jezentax lis-sekwestranti mill-obbligu impost fuqha mil-ligi li torbot il-pretensjoni ta' dritt taghha mal-jedd pretiz fil-kawzali tal-mandat. Fil-kaz in ezami, ma urietx li dak il-jedd, kif dedott *espressis verbis* fil-mandat, jirrizulta lanqas fuq bazi *prima facie*. Tant hu hekk li l-kreditu taghha huwa dikjarat hazin in kwantu bbazat fuq komunjoni tal-akkwisti li ghadu ezistenti bejn il-kontendenti fejn dan mhuwiex il-kaz.

Illi skont l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jista' jintalab ir-revoka ta' mandat kawtelatorju "*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; "*

Fid-decizjoni **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L) 5 ta' Settembru 2008) inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1)(d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta' ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("*fumus juris"*). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu premess din il-Qorti hija tal-fehma li s-sekwestranti ma rnexxilhiex tipprova li l-pretensjoni taghha kif dedotta kienet kawtelabbli anke kif misthoqq fit-termini tal-**artikolu 831 tal-Kap 12.**

Isegwi li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba ghar-revoka tal-istess. Dan kollu ma jimpingix fuq il-mertu tal-kontroversja pendenti quddiem dik il-Qorti, izda biss jittermina l-effetti tal-mandat kawtelatorju *stante* li nhareg fuq pretensjoni ta' kreditu zbaljat.

Ghaldaqstant hija tal-fehma li t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent sekwestrat ghandhom jigu milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel seba' eccezzjonijiet tal-intimata riferibbilment ghall-ewwel digriet, tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tal-intimata, u konsegwentement:

**Tichad** l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent; u

**Tilqa'** it-tielet talba tieghu u tirrevoka u thassar d-digriet mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta' Jannar 2017 fl-atti tar-rikors ghar-revoka numru 234/16 RGM, hawn fuq imsejjah "it-tieni digriet";

**Tilqa'** r-raba' talba tar-rikorrent billi tilqa' t-talbiet kollha dedotti minnu fir-rikors tieghu bin-numru mitejn erbgha u tletin tas-sena elfejn u sittax (234/2016) u mressaq fis-sbatax (17) t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u kwindi **thassar, tirrevoka u tikkancella** l-mandat ta' sekwestru bin-numru 86/2015 fl-ismijiet **Maria Elena**

**Mifsud v Joseph Mifsud** u tordna b'effett immedjat il-hrug tal-kontro-mandat relattiv bin-notifiki lis-sekwestratarji kollha, u dan a spejjez tal-intimata..

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2018**